Olafur Eliasson

Din l-istqarrija għall-istampa hi taħt embargo sal-1 ta' Lulju 10 am CET

# Tfal jieħdu l-kontroll ta' Earth Speakr, xogħol artistiku interattiv maħluq minn Olafur Eliasson

Earth Speakr hu xogħol artistiku interattiv ġdid mill-artist Olafur Eliasson li jamplifika l-fehmiet tat-tfal dwar il-benesseri tal-pjaneta għall-ġejjieni. Ix-xogħol artistiku jistieden lill-adulti u lil dawk li jieħdu deċiżjonijiet kurrenti, lil dawk li jfasslu l-bidla u lill-mexxejja globali, biex jisimgħu dak li għandhom x'jgħidu t-tfal. Earth Speakr juża r-realtà awmentata (*augmented reality*) u jinkludi app b'xejn u websajt interattiva ([www.earthspeakr.art](http://www.earthspeakr.art)) disponibbli fl-24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Eliasson ħoloq dan ix-xogħol artistiku fl-okkażjoni tal-Presidenza Ġermaniża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (UE) 2020.

**Valetta, l-1 ta' Lulju 2020 -** Earth Speakr qiegħed titnieda llum, u jistieden tfal minn madwar il-kontinent biex flimkien joħolqu xogħol artistiku billi jitkellmu f'isem il-futur tal-pjaneta tagħna.

Bħala inizjattiva tal-artist Daniż-Iżlandiż Olafur Eliasson, Earth Speakr – li jinkludi app, websajt, preżentazzjonijiet fiżiċi, u aktar – hu l-komponent ċentrali tal-programm kulturali fl-okkażjoni tal-Presidenza Ġermaniża tal-Kunsill tal-UE 2020. Ix-xogħol artistiku hu ffinanzjat mill-Uffiċċju Federali tal-Affarijiet Barranin Ġermaniż u qed jitwettaq b'kooperazzjoni mal-Goethe-Institut. Earth Speakr hu bla ħlas u jippromwovi l-kollaborazzjoni u r-riflessjoni bejn persuni ta' kull età madwar l-Ewropa dwar it-tibdil fil-klima u l-futur tal-pjaneta.

## It-tfal jitkellmu f'isem il-pjaneta

Matul is-sitt xhur li ġejjin, kulħadd jista' jniżżel l-app Earth Speakr u janima l-ambjent rispettiv bl-użu ta' teknoloġija interattiva għall-gost ta' kulħadd. Tfal u żgħażagħ li għadhom taħt l-età biex jivvotaw jistgħu jagħżlu li jieħdu sehem billi jagħtu leħen lil kwalunkwé ħaġa – siġra, qoxra ta' banana, is-sema, jew it-triq – u jitkellmu kemm f'isem l-ambjent lokali ta' madwarhom u kif ukoll f'isem il-pjaneta. Il-messaġġi kreattivi tagħhom jintbagħtu fuq [www.earthspeakr.art](http://www.earthspeakr.art) u jkunu esperjenzati fuq l-app permezz ta' realtà awmentata.

*"Earth Speakr hu xogħol artistiku kollettiv li jistieden lit-tfal biex ikunu artisti. X'se jiġri minn Earth Speakr se jiddependi fuq l-Earth Speakrs – jiġifieri mill-kreattività u mill-immaġinazzjoni tagħhom. Ix-xogħol artistiku hu magħmul mill-ħsibijiet u mill-viżjonijiet, mit-tħassib u mit-tamiet tagħhom. Dak li joħolqu jista' jagħti gost u jkun inventiv fl-immaġinazzjoni, serju, jew poetiku. M'hemmx tajjeb jew ħażin, u hu faċli biex kulħadd jieħu sehem. Earth Speakr jistieden lit-tfal biex jitkellmu kemm minn qalbhom kif ukoll b'moħħhom ħalli jieħdu sehem fit-tiswir tal-futur għad-dinja u tal-pjaneta tagħna, mil-lum,"* qal Olafur Eliasson.

*"It-tfal huma normalment mistennija li jkunu attenti fl-iskola u jsegwu r-regoli. Imma issa jmiss lilna, bħala adulti, li nisimgħu x'għandhom x'jgħidu ż-żgħażagħ. Permezz ta' Earth Speakr, Olafur Eliasson jagħti lit-tfal opportunità unika biex, b'mod kreattiv u maħsub, joħorġu b'ideat li għandhom il-potenzjal biex fil-futur jkunu ta' benefiċċju għall-Ewropej kollha. Bl-irrekordjar tal-vuċijiet tagħhom*, *trasmessi fil-qalba tat-tfassil tal-politka (policy-making) Ewropea, Earth Speakr jagħti liż-żgħażagħ propju dan iċ-ċans. Jaqblilna nisimgħuhom b'attenzjoni għall-ġid tal-futur komuni tagħna lkoll,"* qal Heiko Maas, Ministru Federali għall-Affarijiet Barranin tar-Repubblika Federali Ġermaniża.

Biex jinkludu kemm jista' jkun nies, Eliasson u l-istudjo tiegħu żviluppaw xogħol artistiku, fil-biċċa l-kbira tiegħu

diġitali, bl-appoġġ ta' tim estensiv li jinkludi tfal, riċerkaturi, u speċjalisti oħrajn. Earth Speakr hu disponibbli fl-24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u jista' jkun aċċessat minn madwar id-dinja kollha. Aktar minn hekk, il-proġett qed jissieħeb ma' netwerk dejjem jikber ta' mużewijiet, libreriji u istituzzjonijiet edukattivi, bħall-Goethe-Institut, biex jaqsmu x-xogħol tal-arti kemm onlajn kif ukoll fid-dinja reali, meta u fejn hu possibbli, fi żminijiet ta' distanzi soċjali.

## L-adulti jagħtu widen lejn il-futur

Earth Speakr jamplifika l-messaġġi tat-tfal u jistieden lil adulti u lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet importanti, dawk li jfasslu r-riformi u lill-mexxejja globali biex jisimgħuhom. Fuq www.earthspeakr.art, l-adulti jistgħu juru li l-messaġġi tat-tfal qed jinstemgħu billi joħolqu 'l hekk imsejħa "Loud Speakrs", kollezzjonijiet ta' messaġġi b'realtà awmentata. Loud Speakrs jistgħu jitpoġġew kullimkien fuq mappa virtwali – fi pjazez pubbliċi, *parks*, fuq bini pubbliku – biex jinkoraġġixxu oħrajn ħalli jisimgħu wkoll. Il-messaġġi ta' Earth Speakr huma strimjati wkoll fil-Bini Justus Lipsius u fl-Europa Building fi Brussell, fil-Parlament Ewropew fi Brussell u fi Strasburgu, u f'"Lichthof" tal-Uffiċċju Federali tal-Affarijiet Barranin f'Berlin.

*"Il-ħajja fid-dinja hi koeżistenza ta' persuni, annimali, pjanti u ekosistemi. Irridu nirrikonoxxu din il-koeżistenza u mbagħad nieħdu l-azzjonijiet it-tajbin biex insaħħuha. Fid-dibattiti tal-lum rigward il-politka dwar il-klima, hu kruċjali li l-ilħna tal-ġenerazzjoni li jmiss jinstemgħu b'mod ċar u b'saħħtu, peress li huma se jkunu qed jgħixu fil-futur li attwalment qed insawru.*

*"Ix-xogħol artistiku tiegħi, Earth Speakr, jistieden lit-tfal biex jitkellmu f'isem il-klima, kemm jekk bi tħassib jew b'tama pożittiva. Bl-applikazzjoni ta' Earth Speakr, jistgħu jesprimu lilhom infushom permezz ta' kwalunkwé ħaġa tal-għażla tagħhom fl-ambjenti lokali fejn jgħixu. Ix-xogħol artistiku jgħaqqad flimkien dawn l-ilħna u jamplifika dak li għandhom x'jgħidu. Aħna – l-adulti, dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, u l-politiċi – għandna bżonn nisimgħu l-messaġġi kreattivi tat-tfal u neħduhom bis-serjetà",* qal Olafur Eliasson.

Mill-1 ta' Lulju 2020, il-messaġġi tat-tfal se jidhru fuq il-mappa virtwali ta' Earth Speakr, u Loud Speakrs jistgħu jintwerew fir-realtà awmentata f'postijiet prominenti madwar l-Unjoni Ewropea. Biex issir taf aktar u biex tieħu sehem fil-ħolqien ta' dan ix-xogħol artistiku, niżżel l-applikazzjoni Earth Speakr minn Google Play jew minn App Store, żur il-websajt fuq www.earthspeakr.art, u ngħaqad fid-diskussjoni @earthspeakr fuq il-midja soċjali.

Lest li tisma' l-futur?

## Noti lill-Edituri

**Ara lil Olafur Eliasson jispjega x-xogħol artistiku tiegħu, Earth Speakr, fuq**
https://www.youtube.com/watch?v=ufuqKULtml0&feature=youtu.be

**Ritratti u Vidjows**
Għal aktar tagħrif u biex tniżżel stampi jew vidjows għall-istampa u xandir, jekk jogħġbok żur:
https://earthspeakr.art/mt/stampa-u-midja/

**Involvi ruħek**
It-tfal jistgħu joħolqu messaġġi għall-Earth Speakr u jistiednu lil sħabhom biex joħolqu messaġġi oħrajn.
L-adulti u dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, dawk li jfasslu l-bidliet u l-mexxejja globali, jistgħu jesploraw il-messaġġi Earth Speakr, joħolqu gruppi ta' messaġġi – hekk imsejħin Loud Speakrs – u jaqsmuhom ma' oħrajn biex jamplifikaw dawk is-suġġetti li jsibu l-aktar rilevanti. Eliasson jittama li dawk fil-politika se jkunu ispirati biex, permezz ta' Earth Speakr, iressqu messaġġi fuq l-imwejjed tad-diskusjonijiet ħalli t-tfal iħossuhom milqugħin u mismugħin.

L-istituzzjonijiet jistgħu jospitaw avvenimenti u jinkoraġġixxu lit-tfal biex jieħdu sehem fihom. Disponibbli fuq il-websajt hemm *toolkits* li huma ta' gwida biex jinħolqu attivitajiet għat-tfal ħalli jesploraw ix-xogħol artistiku u biex iġibu l-Earth Speakr għall-attenzjoni tiegħek.
Għal aktar tagħrif żur https://earthspeakr.art/mt/involvi-ru-ek/

**Dwar Olafur Eliasson**
L-artist Daniż-Iżlandiż Olafur Eliasson (imwieled fl-1967) jaħdem xogħol ta' skultura, pittura, fotografija, films, installazzjonijiet, u midja diġitali. L-arti tiegħu hi mmotivata mill-interess tiegħu fil-perċezzjoni, fil-moviment, fl-esperjenza inkorporata, u s-sentimenti tiegħu stess kif ukoll tal-komunità. Il-prattika tiegħu, li mhijiex limitata għal mużewijiet u galleriji tal-arti, tinvolvi lill-pubbliku permezz ta' proġetti arkitettoniċi, interventi fi spazju ċiviċi, edukazzjoni artistika, tfassil ta' politki u azzjoni klimatika. Eliasson hu magħruf internazzjonalment għall-installazzjonijiet pubbliċi tiegħu li jisfidaw il-mod kif naraw u noħolqu flimkien l-ambjenti tagħna. Fl-2003, hu ħoloq il-proġett "The weather", xemx tiddi mgħottija fiċ-ċpar taħt is-saqaf tat-Turbine Hall f'Tate Modern ta' Londra. Fl-

2008, Eliasson bena erba' kaskati artifiċjali tul il-kosta ta' Manhattan u Brooklyn għal "The New York City Waterfalls". Hu esplora wkoll il-potenzjal tal-arti biex tindirizza t-tibdil fil-klima, fejn għal Ice Watch hu ġab blokok kbar ta' silġ glaċjali li jżommu f'wiċċ l-ilma fiċ-ċentri tal-bliet ta' Kopenħagen fl-2014, ta' Pariġi fl-2015, u ta' Londra fl-2018. Persuni li kienu għaddejjin setgħu jmissu frammenti tas-silġ glaċjali minn Greenland u jkunu xhieda tal-fraġilità tiegħu, hekk kif ikun qed idub quddiem għajnejhom. Fl-2019, Eliasson inħatar bħala Ambaxxatur ta' Rieda Tajba tal-UNDP għall-Azzjoni dwar il-Klima u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli.

L-Istudjo Olafur Eliasson, li jinsab f'Berlin, hu magħmul minn tim kbir ta' nies tas-sengħa, periti, arkivisti, riċerkaturi, amministraturi, koki, studjużi tal-arti, u tekniċi speċjalizzati.

www.olafureliasson.net

**Dwar il-Presidenza Ġermaniża tal-Kunsill tal-UE 2020**

Għal tagħrif dwar il-Presidenza Ġermaniża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 2020 u l-programm kulturali, jekk jogħġbok żur www.eu2020.de.

**Dwar il-Goethe-Institut**

Il-Goethe-Institut hu l-istitut kulturali tar-Repubblika Federali Ġermaniża, attiv madwar id-dinja. B'157 istitut f'98 pajjiż, il-Goethe-Institut jippromwovu l-istudju tal-lingwa Ġermaniża barra mill-pajjiż, iħeġġeġ l-iskambji kulturali internazzjonali u jwassal immaġni kontemporanja tal-Ġermanja. Permezz ta' sħubiji ma' istituzzjonijiet f'diversi postijiet oħrajn, il-Goethe-Institut għandu madwar elf punt ta' kuntatt madwar id-dinja. Għal aktar tagħrif, jekk jogħġbok żur www.goethe.de/EU2020

### Earth Speakr

Earth Speakr is an artwork by Olafur Eliasson. It invites kids to speak up for the planet and adults to listen up to what they have to say.

The Earth Speakr app is available on Google Play and App Store from 1 July

Follow the project on social media:
@earthspeakr
#earthspeakr #listentothefuture

www.earthspeakr.art

### Olafur Eliasson

Olafur Eliasson (b. 1967) is a visual artist working with sculpture, painting, photography, film, installation, and digital media. His studio is based in Berlin.

www.olafureliasson.net

### Contact

For Malta press enquiries, please contact:

Conway Wigg

conway.wigg@bpc.com.mt

Senior Manager/BPC International